MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 265/2011

**A B**

vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1) Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta’ Awissu, 1970 u sussegwentement isseparaw b’kuntratt ta’ separazzjoni tal-1 ta’ Lulju, 1996 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha (Dok A);
2) Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal mill-inqas hmistax-il snin;
3) Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt ta’ manteniment fil-konfront ta’ xulxin u in oltre ma kellhomx tfal;

Talab li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija divorju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artiklu 66D(2) tal-Kodici Civili nostan;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti esebiti li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom separati legalment mill-1 ta' Lulju, 1996 meta isseparaw legalment permezz ta' kuntratt li gie ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha;

Rat illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talba, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------